MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR
# MALTA

**GUDIKATUR DR.**
**GRIMA EDWINA**

Seduta tal-25 ta' Novembru, 2002

Talba Numru. 1497/2002

***Borg Cold Stores Import & Distribution Limited***

***vs***

***Carmelo Borg f'ismu personali kif ukoll ezercitanti l-kummerc taht l-isem "Santor Butcher"***

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-17 ta' Gunju, 2002, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' mitejn u wiehed u disghin liri Maltin u disgha u erbghin centezmu (Lm291.49c) rappresentanti l-prezz ta' prodotti ta' l-ikel u merkanzija ohra mibjugha u kkonsenjata lill-konvenut.
Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra interpellatorja tad-9 ta' April 2002 u tal-Mandat ta' Qbid kawtelatorju bin-numru 1402/02 ipprezentat kontestwalment ma' l-avviz u bl-imghax kummercjali mid-data tal-konsenja sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut.

Ra li l-konvenut debitament notifikat baqa’ ma deherx u l-anqas ma pprezenta risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda ta’ l-avukat Elaine Ellul ghas-socjeta’ attrici, li kkonfermat bil-gurament li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ mitejn u wiehed u disghin liri Maltin u hamsa u erbghin centezmu (Lm291.45c), bl-imghax legali mid-data tal-konsenja.

L-ispejjez ta’ dina l-istanza, inkluzi dawk ta’ l-ittra interpellatorja tad-9 ta’ April 2002, kif ukoll tal-Mandat ta’ Qbid kawtelatorju bin-numru 1402/02, ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

**Avukat Dr. Edwina Grima**
**Gudikatur**